Fil-Qorti Civili Prim'Awla

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1698/2024

Jesmond Tonna et

Vs

Jovica Milijic

Illum, 8 ta' Novembru, 2024.

Il-Qorti.

Rat ir-rikors għal ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni datat 18 ta' Ottubru, 2024 kif hemm premess.

Rat id-digriet tagħħa ta' l-istess jum fejn l-istess mandat ġie milqugħ b'mod provisorju.

Rat id-debita risposta oppositorja.

Rat l-atti kollha annessi

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti mhux se tkun ripettitiva f'dawk li huma l-elementi sine qua non kostituttivi għal ħrug ta' mandat in tematika kif sew ukoll stabbiliti fil-ġurisprudenża lokali.

-Basta li jiġi ripettut illi jkun hemm ħtieġa ta' kawtela ta' jedd;

-li r-rikorrenti jkollu *prima facie*, mad-daqqa t'għajn dak il-jedd;

-ukoll li jekk ma jinħariġx il-mandat ir-rikorrenti jkunu se jsoffru preġiudizzju tali li jkun ta' natura rrimeddjabbli, irreparabbli.

Dawn huma elementi kumulattivi u l-eżami jrid ikun wieħed oġġettiv.

Stabbilit dan insibu lir-rikorrenti jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq żewġ fatturi;

Illi l-binja li qed jtella', jgħolli l-intimat, dejjem fuq bini tiegħu, allura l-iżvilupp kif propost u li qed isir mill-intimat mhux se jiflaħ għal aktar żvilupp, *load* aktar

jekk huma r-rikorrenti fil-futur jiddeċiedu li huma wkoll jgħaddu biex iżiedu fuq il-propjeta' tagħhom;

Oltre jargumentaw li minħabba il-piż, il-*load* tal-binja kif proposta mill-intimat, hemm biża' ta' instabilta' fil-binja u bini adjaċenti.

Ikkunsidrat.

Illi jibda biex jingħad illi l-Qorti tibda biex tgħid li apparti għal biża lir-rikorrenti ma jkunux jistgħu jagħmlu żvilupp ulterjuri fil-propjreta' tagħhom, tifhem fiċ-ċirkostanzi ta' ġrajjiet riċenti l-biża tagħhom fejn tidħol l-istabilta' ta' binja adjaċenti soġġetta għal żvilupp. Dan ikkunsidrat pero, mhux kull żvilupp iġib miegħu perikolu, u mhux kull biża ta' perikolu għandu jew jista' jwassal għal suċċess ta' talba ta' inibizzjoni.

Hu miżmum illi dan il-mandat kawtelatorju huwa wieħed ta' natura ferm eċċeżżjonali għax fil-verita' jolqot direttament, kif fil-każ odjern, fuq id-dritt assolut ta' użu liberu tal-propjeta, dejjem suġġet għal-ħarsien tad-drittijiet tat-terz.

Detto ċioe', rat bir-reqqa, pero ma tridx tidħol *in funditus* għax mhux kompetenti f'dan l-istadju li tagħmel dan, iż-żewġ rapport peritali *ex parte* esebiti.

Tqies lir-rikorrenti qed jistrieħu fuq *method statement report* redatt mill-perit tal-intimat, wieħed sew dettaljat, li jagħti l-aspetti tal-binja fejn jidħol *load bearing* f'dak li bħala valuri huma l-*worst case scenario*, dan biex fil-fatt jassigura li l-binja, la l-valuri tal-load se jkunu nqas, se tkun waħda ferm sikura. Pero, r-rikorrenti jippreżentaw dawn il-*worst case scenario load* bħala tali u fattwali biex juru kemm hemm biża reali ta' perikolu. Imma, skont il-perit Ellul Mercer dan mhux il-każ u hemm sew dettaljatament spjegat fir-rapport tiegħu l-għala.

Kif ingħad mhux kull żvilupp huwa wieħed li jwassal u jqiegħed lil ta' madwaru fil-perikolu. U Alla ħares kien hekk. Ma tarax mad-daqqa t'għajn, **u fuq dan qed tistrieħ fuq il-professjonalita' tal-perit redigenti r-rapport in kwistjoni,** li dan l-iżvilupp se jippreżenta dan. Għalhekk wara li ħadet in konsiderazzjoni kull fattur espost f'dan ir-rapport ma tarax lir-rikorrenti għandhom raġun fit-talba tagħhom f'dan ir-rigward.

*Ex abbondantia cautela* l-Qorti xorta tissuġerixxi li jekk hemm xi nkwiet da parti tar-rikorrenti, lil partijiet jiltaqgħu hekk hemm bżonn bil-periti rispettivi u jserrħu

dan. Il-bon viċinat u bon sens għandu jirrenja fuq kull spekulazzjoni ta' żvilupp, oltre għal fattur maġġuri li kulħadd jibqa' responsabbli ta' azzjonitu.

Lanqas tista tifhem kif il-jedd ta' żvilupp ulterjuri tal-propjeta' tar-rikorrenti jista' jiġi kompromess, dan tenut kont ta' l-arja minima li hija disponibbli għalihom biex jiżviluppaw; *pencil development* ta' żewġ kmamar verament ta' area minuskola. Miżmum li huma għandhom il-jedd li jgawdu l-propjeta' tagħhom kif jridu, ma ġiex mad-daqqa t'għajn muri lilha x'inhu dan l-iżvilupp ulterjuri da parti tar-rikorrenti li jista' jiġi kompromess b'mod irrimedjabbli.

Konsegwentement tiċħad it-talba bl-ispejjeż għar-rikorrenti u tirrevoka *contrario imperio* il-mandat milqugħ b'mod provisorju.

**Onor. Imħallef Miriam Hayman.**

**Maraya Aquilina Dep.Reġ**